**Minuti tad-19 il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju 2014, fil-5.20 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana(skużata) |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatriċi: | Is-Sinjorina Ann Maria Gauci (skużata) |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.20 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħat ta' qabel, Nru. 17 - 8 u Nru 18 - 8 u dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar Miżura 125 li l-kuntratt sar u ġie ffirmat bejn il-President tal-Gozo Action Group Foundation, il-Paying Agency (E.U.) u minnhu bħala Project Leader. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jista joħroġ it-Tender għal Kisi ta' Triq Ta' Bardan, Ta' Sannat, Għawdex bil-konkos b'impatt ambjentali minimu.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li ppreżenta l-applikazzjoni bid-disinn tal-kompetizzjoni tal-A+ Accessibility mnedija mis-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Disabilta' u Anzjanita' Attiva. Għal din il-kompetizzjoni s-Sindku qal li applikaw madwar 25 Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat applika dwar titjib fil-playing field ta' Triq Marziena. Fl-entratura ta' dan il-playing field hemm rampa ma ġenb it-taraġ li mhix aċċessibli għaliex hija rampa wieqfa u perikoluża. Din ir-rampa ser tiġi rrangata talli mod li tkun aċċesibli u jsir railing bejniet ir-rampa u t-taraġ li hemm preżenti. Barra dan ser isir playing equipment ġdid għal persuni bi

bżonnijiet speċjali. Dwar dan il-playing field is-Sindku qal ukoll li dan l-playing field irid jingħalaq billi jsir il-ħadid b'għoli 1.2 (metru u għoxrin ċentimetru) madwar il-Qasam iddur ma Triq Marziena u jsir gate biex b'hekk il-Kunsill Lokali jkun jista jiġbor l-bqija tal-fondi tal-U.I.F. (MEPA).

3. Dwar Triq it-Tabib Anton Tabone (il-Qasam) is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret spezzjoni mill-Perit tal-Ministeru għal Għawdex fejn dawn ġew infurmati li s-siġar taż-żebbuġ ma jistgħux jiġu transferiti minn posthom peress li huma siġar xjuħ biex din it-triq titwessa. Il-Kunsill Lokali qabel li ghandu jitlob lil Ministeru għal Għawdex sabiex meta ssir it-triq issir bankina talli mod li n-nies ikunu jistgħu jimxu minn fuqha.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġet ħarġet l-applikażżjoni tal-Miżura 413.4 (Landscaping) mill-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa japplika fuq Pjazzetta tax-Xelina u l-water culvert ta' Triq Dun Xand Aqulina.

5. Dwar il-Ġnien Tal-Bidwi (Miżura 313) is-Sindku qal li l-complainace certificate mill-MEPA issa ħareġ u li applikajna għand l-ARMS Ltd. għad-dawl Three Phase u li x-xogħol fuq dan il-proġett irid ikun lest biex il-Paying Agency tkun tista tħallas lil kuntratturi tax-xogħol sa l-aħħar ta' Ġunju 2014. Il-Kuntrattur - Gatt Tamac Ltd. qed jibni ħajt tas-sejjieħ ta' żewġ filati minn naħa ta' Triq il-Pinnur dan biex il-ġnien jingħalaq u jieħu l-forma tiegħu aħjar. Il-kuntrattur - Lawrence Borg għandu jlesti x-xogħol fuq il-qiegħa u l-kanali tal-ilma. Il-Kunsill Lokali jrid jiltaqa' mal-Kuntrattur – Lawrence Borg biex jara l-għala dan ix-xogħol għadu ma sarx.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kwotazzjonijiet dwar ir-refurbishment tal-Latrina Pubblika fi Triq Sannat ġew ippublikati u jgħalqu nhar l-Erbgħa 21 ta' Mejju 2014 f'nofsinhar. Il-Kunsill ħareġ dawn it-tlett kwotazzjonijiet:
   - Kwotazzjoni Nru. 01(A)/2014: Provvista ta' madum u aċċessorji tas-sanita fil-latrina pubblika fi Triq Sannat, Ta' Sannat
   - Kwotazzjoni Nru. 01(B)/2014: Provvista u installazzjoni ta' aperturi u diviżorji tal-aluminju fil-latrina pubblika fi Triq Sannat, Ta' Sannat
   - Kwotazzjoni Nru. 01(C)/2014: Provvista u installazzjoni ta' xogħolijiet tal-elettriku, plumbing u tad-drenaġġ fil-latrina pubblika fi Triq Sannat, Ta' Sannat

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ħġieġ miksur bl-elementi naturali tal-fanali ta' Pjazza Santa Margerita, dan il-ħġieġ irid jsir mill-ġdid. Il-Kunsillier Joseph Bajada ġibed l-attenzjoni biex dawn il-fanali jiġu miżbugħa. Il-Kunsill Lokali għandu jitlob il-kuntrattur biex dan ix-xogħol isir.

8. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillli dwar s-sinjali tat-traffiku taż-żebgħa tal-art li għandhom bżonn li jinżebgħu. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tat-toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex peress li huma ser jiżbgħu it-toroq arterjali u b'hekk ser jiżbgħu it-toroq tal-Kunsill Lokali wkoll. Il-Kunsill qabel li jixtri l-materjal sabiex dan ix-xogħol isir.

9. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar it-tabelli u s-sinjali msaddin u spiċċuti fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati mill-ġdid.

10. Dwar is-servizz tat-transport għar-residenti li jiffrekwentaw kull nhar ta' Erbgħa s-Santwarju Ta' Pinu, s-Sindku nforma lil Kunsill li ser jerġa jibda dan is-servizz kull nhar ta' Erbgħa, sal-Erbgħa 13 ta' Awwissu 2014. Ix-xarabank titlaq fil-5.00 p.m. minn Triq il-Kbira għal Triq Ta' Ċenċ u l-Pjazza Santa Margerita u tiġi lura minn Ta' Pinu fis-6.15 p.m. Il-Kunsill qabel ma dan.

11. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva 7 ħaddiema bl-iskema tal-MGOZ u l-ETC bl-isem Cleaner and Greener għall-għoxrin ġimgħa. Sitta minnhom (irġiel) ser jgħamlu xogħolijiet fi Triq Mġarr ix-Xini fosthom bini ta' ħitan imwaqqajn fi triq u qtugħ tal-ħaxix, l-unika mara ser tgħamel xogħol ta' tindif fl-uffiċċju amministrattiv u mall-madwar.

12. Is-Sindku qal lill-Kunsill, li l-bus shelter ta' Triq Ta' Ċenċ ġiet maqlugħa riċenti u ser teħel il-quddiem meta joħroġ id-DNO mill-MEPA meta jsir ix-xogħol mill-Ministeru għal Għawdex fil-pjazzetta ta' quddiem il-Hotel Ta' Ċenċ.

13. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal qsari u kompost għal madwar ir-raħal u fil-bajja ta Mġarr ix-Xini għaliex sar arranġament mall-agrikultura biex li ser jofrulna l-pjanti. Il-Kunsill qabel ma dan.

14. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret spezzjoni mill-Inġinier tal-Ministeru għal Għawdex fuq il-fanali ta' Triq 28 ta' April 1688 biex il-problema li dawn qed ikunu ta' sikwit mitfija tiġi solvuta. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata stima fuq il-materjal li hemm bżonn peress li x-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Gvern.

15. Fi żmien li ġej ser isiru xi xogħolijiet tat-trinek mill-Water Services Corportion fi Triq tal-Gruwa għal Triq Ta' Ċenċ għal Triq Dun Luqa għal ġibjun Ta' Ċenċ. Dawn it-trinek ser iwasslu biex isir resurfacing bit-tarmak ta dawn it-toroq. Is-Sindku issuġerixxa lill-Kunsill li fi Triq Dun Luqa għandu jsir hard shoulder fuq naħa minnhom tat-triq biex ir-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi tagħhom. Il-Kunsill Lokali qabel ma dan.

16. Is-Sindku talab lill-Kunsill biex isir Clean Up Campaign fir-raħal Ta' Sannat. Huwa talab li jsir laqgħa mal-għaqdiet tar-raħal biex dawn joffru l-għajnuna tagħhom. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita'.

17. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' bl-isem Caliente Estate 2014 mill-Gozo Beach Boys bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat ser isir fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju 2014. Is-Sindku qal li r-residenti Ta' Sannat ' l fuq minn 16-il sena ser ikunu jistgħu jattendu bla ħlas, dan billi juru l-Karta tal-Identita'.

18. Il-Kunsill Lokali qabel li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal 50 siġġu għas-sala tal-Kunsill.

**Komunikazzjoni tal-Viċi Sindku**

1. Il-Viċi Sindku staqsiet lill-Kunsill dwar il-lampi ġodda fi Triq il-Gruwa u Triq Paraniji. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsill li dawn il-lampi l-ġodda ġew approvati riċenti mill-Enemalta.

2. Il-Viċi Sindku rċieviet ilment mingħand is-Sinjura Assunta Buttigieg (anzjana) ta' Triq il-Kbira li ma tridx il-yellow line quddiem id-dar tagħha għaliex hi mhux qed tkun tista tipparkaja l-vettura quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill qabel li dan il-yellow line jitneħħa.

3. Il-Viċi Sindku qalet li rċeviet ilment minn għand is-Sur Tarcisio Grima ta' Edelwiese, fi Triq l-Isqof D. Cocco Palmeri dwar il-bankina ta' mad-dar tiegħu li hi maqlugħa. Il-Kunsill qabel li din l-bankina għanda tiġi rranġata mill-ħaddiema tal-ETC.

4. Il-Viċi Sindku rċeviet ilment mingħand Elizabeth Bajada ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 dwar l-istat ħażin li tinsab fiha din it-triq. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'din is-sena din it-triq ser tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak (PPP).

5. Il-Viċi Sindku rċevet ilment mingħand Salvina Grima ta' Hail Mary, Triq ix-Xabbata sabiex fuq il-wesgħa tal-bankina ta' quddiem id-dar tagħha jsir bank. Il-Kunsill qabel li peress li hemm bank faċċata tal-ħajt quddiem il-binja l-ġdida ta' John Grima fil-bidu tal-belveder fit-Triq 28 ta' April 1688, dan il-bank għandu jitpoġġa fi Triq Xabbata.

**Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Munxar għal awtorizzazjoni biex ikunu jistgħu jaħarqu in-nar tal-ajru tal-festa Ta' San Pawl bejn it-23 u l-25 ta' Mejju 2014. Il-Kunsill qabel unnanimament bil-kundizzjoni li jsir spezzjoni fl-iskola u l-madwar l-għada tal-festa, filgħodu kmieni qabel it-tfal jidħlu l-iskola .

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wasal il-kuntratt u l-pagament tas-servizz tal-Lift tal-Uffiċċju. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jiġi ffirmat u l-pagament isir.

3. Il-Kumpanija Ozone Centre infurmat lill-Kunsill li għandha s-servizz tat-telefonija b'rati irħas minn dik li fil-preżent qed iħallas il-Kunsill. Xi Kunsilli Għawdxin ġa qalbu ma din il-kumpanija u li s-servizz qalu li huwa tajjeb. Il-Kunsill Lokali qabel li jgħamel dan.

4. Il-Kumpanija Data Byte infurmat lill-Kunsill li għandha sistema ta' payroll għal pagi u honoraji/allowance li jħallas il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu attenda għal taħriġ dwar din is-sistema. Il-Kunsill qabel li jixtri din is-sistema.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill Lokali biex ikabbar il-generic email account tal-Kunsill b'100 MB b'rata ta' €7.67 fis-sena VAT inkluża. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

**Ilmenti u Suġġerimenti**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Carmel Camilleri (anzjan) ta' Triq it-28 ta' April 1688 qed jiltob lil Kunsill Lokali biex isir disabled parking quddiem id-dar tiegħu minn naħa ta' Triq il-Blat. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

2. Is-Sindku qal li qed jirċievi diversi lmenti mir-residenti ta Triq Marsilja tan-naħa fejn hemm il-bankina wiesa, li l-gwardani lokali qed jgħatu ċ-ċitazzjonijiet meta jsibu l-vetturi tar-residenti pparkjati il-ġewwa mill-bankina. Għalhekk ir-residenti qed jitolbu li din il-bankina tiċkien biex ikun hemm aktar spazju għal parking. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

3. Xi residenti qed jilmentaw dwar it-tabella li hemm int u dieħel għal Ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra lil proprjetarji Ta' Ċenċ fejn jissuggerixxi lil proprjetarji sabiex din it-tabella taqra hekk: "Private Property – Enter at your own risk".

4. Mario Pace student Għawdxi mill-Universita' ta' Malta fl-arkitettura talab l-għajnuna tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat biex fis-sajf li ġej l-Kunsill Lokali jisponserjah biex jgħamel 3D tal-Pumping Station l-qadima li tinsab fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill ddeċida li għandu jiltaqa' mas-Sur Pace biex jara x'għandu bżonn eżatt.

5. Il-kumpanija GreenPak Ltd. bgħatet ittra lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat biex jieħu sehem fl-inzjattiva ta' ġbir ta' ħwejjeġ, dan biex jgħin il-Fondazzjoni Inspire. Il-Kunsill Lokali qabel li dan isir.

6. Is-Sur Fortunato Fava li joqgħod 'Octavius House', Triq Durell, Ta' Sannat qed jilmenta li fi Triq Durell, Triq Marsilja u Triq Ta' Ċenċ hemm ħafna toqob li jitolbu attenzjoni biex jsiru bit- tarmak. Il-Kunsill qal li din sar il-patching.

7. Is-Sur Richard Azzopardi, storiku u riċerkatur qed jagħmel stedina speċjalment lil Għaqdiet kollha biex iżuru l-esebizjoni dwar il-belt Rumana "Melite" fir-Rabat ta' Malta f'Palazzo Castelletti. Hu ser jagħti spjegazzjoni ferm interessanti dwar din il-Belt famuza.

8. Karkanja Ltd. qed jitlob bankina ġdida quddiem blokk ta' appartamenti fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri kantuniera ma Triq l-Isqof D. Cocco Palmeri. Din it-talba għaddiet lil Ministeru għal Għawdex bis-Sistema tal-Customer Care.

9. Mr. Ian Barber ilmenta li ma għadx hemm aċċess minn fejn wieħed ikun jista jgħaddi għall-irdum Ta' Ċenc minn naħa ta' Triq id-Daħla tac-Ċnus fejn il-picnic area peress li dan l-aħħar saret gate u ma tistax tgħaddi. Qed jistaqsi lill-Kunsill jekk din il-gate hiex legali? Il-Kunsill qal li fejn sar il-gate huwa privat u s-sid għandu kull dritt li jgħamel dan.

10. Is-Sinjura Doris Abela Fitzpatrick li toqgħod 'St. Antnin', Triq il-Kbira, Ta' Sannat qed tilmenta li għandha l-bankina li qed tikkawża ħsarat fil-binja tagħha, dan għaliex meta saret l-bankina ma sarx qatran mal-ħajt. Il-Kunsill qabel li din għanda tiġi rranġata.

11. Is-Sur Philip Borg li joqgħod 'Philmar', Triq San Bert, Xewkija, qed jilmenta li fi Triq ta' Mgarr ix-Xini hemm ħafna ħofor specjalment tlieta kbar ħafna li huma perikoluzi. Dwar dan l-ilment il-Kunsill qal li dawn il-ħofor ġew ippeċjati.

12. Is-Sur Lawrence Fava li joqgħod 'Marton', Triq Xabbata, Ta' Sannat qed jitlob biex isiru sinjali sofor f'kantuniera fi Triq Saguna peress li faccata hemm il-garaxxijiet u mhumiex jkunu jistgħu jużawhom peress li qed ikun hemm il-karozzi pparkjati.

13. Is-Sur John Grima li joqgħod 52, Triq it-Tilliera, Ta' Sannat qed jilmenta li l-pannelli li ser jitwaħħlu f'Tal-Bidwi Park ser jkunu ta ostaklu kbir biex jitgawda l-istess ġnien kull darba li joħroġ hu u l-familja fuq wara tad-dar tiegħu. Is-Sindku qal li kellem lis-Sur Grima u nfurmaħ li l-pannelle ser ikunu aktar baxxi mill-ħajt tad-dar tiegħu.

14. Is–Sinjura Maria Cassar li toqgħod Villa La Fouente, limiti Ta' Ċenċ qed tilmenta li tar-refuse collection mhux jinzel fejn tagħha. Il-Kunsill qabel biex isir T-shape stand bil-granpuni biex l-iskart jiddendel magħha qabel l-entratura Ta' Ċenċ.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

| | |
|---|---|
| Memo 7/2014 | Allegati Ingustizzji biex jitressqu quddiem il-Grievances Unit |
| Memo 8/2014 | Protokoll tal-Bnadar fil-Festi Nazzjonali |
| Memo 9/2014 | Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt |
| Memo 10/2014 | Hruġ ta' sejħiet għall-offerti – Ċirkularijiet |
| Memo 11/2014 | Migrazzjoni għall-akkwist Elettroniku (Electronic Procurement) |
| Memo 12/2014 | Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2014-15 |
| Memo 13/2014 | Kwestjonarju – Training Needs Analysis |
| Memo 14/2014 | Mid-Term Audit |

**Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista ta' pagament Numru 7 (annessa mall-minuti). Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti minn barra l-kont ta' Gatt Enterprises Ltd. ta' 7 jardi konkos għal bankina fejn kien hemm Palazzo Margerita fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus bl-ammont ta' €452.73, peress li dan ma kienx hemm awtorizzazjoni mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat *sine die* fis-7.25 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |